*Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali*

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Pulizija***
***Sp. Neil Harrison***
***v***
***Ali Bakoush***

Illum 22 ta' Frar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat odjern huma bazati fuq ir-reati ta' **Pussess (Illegali)** tar-raza tal-<u>Cannabis</u> u **Traffikar** tal-istess;  kif ukoll fuq **Recidivita'** – *riferribbilment ghat-23 ta' Dicembru 94 u fl-ahhar granet qabel dik id-data.*

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti.  Fit-23 ta' Dicembru 1994 kienet saret tficcija fic-cella ta' certu Joseph Seychell li dak iz-zmien kien mizmum fil-lock up tac-CID.  Kif il-pulizija dahhlu fic-cella dan Seychell minn rajh tahom pakket tas-sigaretti u qallhom li kien tahhulu l-imputat li dak iz-zmien ukoll kien mizmum taht arrest.

Illi sussegwentement l-imsemmi Joseph Seychell qal lill-pulizija li aktar kmieni dak in-nhar huwa kien talab lill wiehed mill-gwardjani sabiex jghatuh sigaretti peress li kien qieghed taht arrest u kellu bzonn ipejjep.  Wara ftit, skond dan Seychell, avvicinah l-imputat u qallu *"ha obrom joint"* u tah pakkett tas-sigaretti.  Go din il-kaxxa rrizulta li kien hemm zewg blokki tar-raza tal-cannabis f' ammont nett totali ta' 0.2479 grammi.  Meta dan ra hekk, huwa ha s-sigaretti u pogga l-pakkett bil-cannabis

fih fl-art mal-bieb.  Wara ftit gew il-pulizija sabiex jghamlu tficcija fic-cella. Hekk kif dawn dahhlu huwa kkonsenjalhom il-pakkett.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, l-imputat cahad dawn l-allegazzjonijiet li kienu saru fil-konfront tieghu minghand Joseph Seychell u baqa' konsistenti f' dan ir-rigward anki fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti.

Illi f' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li f' dan il-kaz jezisti konflitt dirett bejn zewg versjonijiet, tali li jiggenera dubbju fit-tesi tal-prosekuzzjoni, b' mod li l-akkuzi dedotti kontra l-imputat ma jrregux.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tillibera lill-imputat mhux fuq xi konvinzjoni morali dwar l-innocenza tieghu, izda ghab-bazi tad-dubbju ragjonevoli li fil-kamp penali ghandu jimur favur l-imputat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ma ssibx lill-imputat hati skond il-akkuzi u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***